**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**
**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tal-Kolliżjonijiet**
**Sentenza**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**
**v**
**Alfred Gauci**

Illum, 21 ta' Ġunju 2017

Il-Qorti:

Rat li Alfred Gauci [...], I.D. 582448(M). Akkużat talli fis-17/08/2015, għall-ħabta ta' 19:00 hrs fi Vjal l-Indipendenza, Mosta waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBB 681;

1. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Matthew Portelli skont kif iċċertifika Dr. Neville Borg M.D. mill-M.D.H. (Reg 3669)

Rat l-affidavit ta' P.S. 1586 R. Attard mhux ikkontestat;

Rat id-dokumenti esibiti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-persuna feruta fl-inċident Matthew Portelli ma dehritx u fir-rigward tagħha l-prosekuzzjoni ppreżentat riferta negattiva;

Semgħet id-deposizzjoni tal-imputat;

Rat l-artikoli tal-liġi Sec 223, Kap. 9;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li l-imputat kien qed isuq passenger car f'Independence Avenue Mosta filwaqt li Matthew Portelli kien qiegħed isuq rota fl-istess triq iżda mid-direzzjoni opposta. Mill-iskizz jirriżulta li filwaqt li ċ-ċiklista kien fuq sajdu, għaddej għad-dritt, l-imputat kiser għal fuq in-naħa tal-lemin tat-triq biex jidħol fi Triq Ġlormu Cassar li hija triq laterali fuq in-naħa tal-lemin tal-istess triq. *Ex admissis* ma rax liċ-ċiklista qabel tajjru għaliex kif qal kemm hu kif ukoll il-passiġġiera li kellu miegħu, ma raħx minħabba x-xemx;

Illi mhix difiża valida li lill-imputat għamietu x-xemx. Din il-Qorti tagħmel tagħha dak li rrimarkat il-Qorti tal-Appell Kriminali f'każ fejn ix-xemx għamiet lis-sewwieq waqt li kien qed jagħmel manuvra ta' surpass u li iżda jgħodd ukoll għal kwalunwe manuvra li jista' jagħmel sewwieq inkluż dik fil-każ preżenti li "Dak li gara kien dovut ghal nuqqas ta' *proper look-out* da parti ta' Sultana. Il-fatt li kellu x-xemx direttament f'ghajnejh kienet raguni biex huwa se mai jirrallenta aktar u joqghod attent aktar, jew addirittura jekk hemm bzonn jieqaf kompletament, u mhux li jkompli jsuq meta kien momentanjament accekat. Kien jinkombi fuq l-appellant li l-manuvra ta' sorpass jaghmilha biss meta jkun cert li mhux ser ikun ta' hsara ghal

haddiehor – kemm ta' quddiemu kif ukoll ta' warajh".[1]

Illi fil-każ preżenti l-obbligu ta' *proper lookout* fuq l-imputat kien kbir ħafna billi ma kienx per eżempju miexi għad-dritt imma kien qed jikser mix-xellug għal-lemin tat-triq u allura jostakola ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni opposta. Kellu l-obbligu li jaċċerta ruħu li l-manuvra tiegħu ma tostakolax il-flow ta' dan it-traffiku u li ma joħloqx periklu għalih u għalhekk iktar u iktar ma kellux jazzarda li jinvadi din il-karreġġjata bla ma seta jara jekk kienx hemm tali traffiku jew le.

Illi jirriżulta miċ-ċertifikat mediku esibit li Matthew Portelli ġarrab ġrieħi ta' natura gravi kawża tal-inċident.

Għaldaqstant il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u wara li rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għal multa ta' €250 u tissospendilu l-liċenzji tas-sewqan għal perjodu ta' tmint ijiem b'effett millum f'nofsilejl.

Grazio Mercieca LL.D.
Maġistrat

[1] Il-Pulizija v Paul Sultana – 23.03.2007 – Appell Kriminali, per. Prim Imħallef Vincent de Gaetano